MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 35/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Danny Lee Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Danny Lee Calleja talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn l-15 u s-16 ta’ Ottubru 2005 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data tas-sena 2005:

(A) Kella fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(B) Ittraffika, biegh jew offra li jittrafika, ibiegh jew iqassam medicina
psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika;

(C) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-pieni skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Danny Lee Calleja sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Frar 2008 li permezz taghha, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)ii) tal-Kap. 101 kif ukoll ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), 120(1B) u l-artikolu 120(2B) tal-Kap. 31 li jikkorrispondi ghall-artikolu 29 tal-Kap. 101, dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Danny Lee Calleja hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti bl-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tieni wahda, u kkundannatu ghal piena ta' disa xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' €582.34 li jistghu jithallsu bir-rata ta' €116.47 kull xahar bl-ewwel pagament isir erba' gimghat mid-data tas-sentenza appellata. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din tinbidel f'jum prigunerija ghall kull €11.65 li ma jithallsux. Dik il-Qorti kkundannatu wkoll sabiex ihallas is-somma ta' €425.157 bhala spejjes konnessi mal-hatra ta' espert u ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Danny Lee Calleja pprezentat fit-8 ta' Frar 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti takkolji dan l-appell billi timmodifika u tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kif ukoll fejn ikkundannatu ghall-hlas tal-multa u tal-ispejjes hemm indikati, tbiddel u tvarja l-precitata sentenza fejn ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta'

disa’ xhur u minnflok tinfliggi piena ferm anqas gravuza tenur kont tal-fatturi u cirkostanzi kollha attenwanti msemmija kemm fl-odjern appell u kif ukoll fl-istess sentenza ta’ l-ewwel Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat ir-rapport tas-*senior probation officer* Mariella Camilleri;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant jirritjeni li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha attenwanti tal-kaz, piena ta’ disa’ xhur prigunerija hija wahda esagerata. (1) Jghid li ghalkemm l-ewwel Qorti semmiet li huwa kien jibbenefika mill-artikolu 120(2B) tal-Kap. 31 li jikkorrispondi ghall-artikolu 29 tal-Kap, 101 fl-intier tieghu, ma jidhirx illi dan l-artikolu gie applikat ghall-kaz in ezami. L-iskop ta’ dan l-artikolu huwa sabiex persuni bhall-appellant jinghataw incentiv biex jikkooperaw u jghinu lill-Pulizija fil-glieda kontra d-droga. Mill-provi jirrizulta li l-appellant ikkoopera u ghen bis-shih lill-Pulizija mill-bidu tant li l-ispettur investigattiv xehdet li huwa intitolat jibbenefika minn dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi. Ghalhekk l-piena nflitta tikkontradici l-iskop li ghalih saret tali legislazzjoni. (2) L-appellant jghid ukoll illi l-ewwel Qorti ma qisitx l-ammissjoni tieghu li ma gietx registrata qabel peress illi kien hemm zmien fejn kien hemm tibdil fl-ufficjal prosekutur u saru xi differimenti sakemm jinhatar wiehed gdid biex ikompli jmexxi l-kaz. (3) Fattur iehor li l-appellant isostni li ma giex ikkunsidrat mill-ewwel Qorti kien l-eta` tenera li kellu fiz-zmien ir-reat, u cioe` li kien ghadu kemm ghalaq 20 sena. (4) L-appellant jindika wkoll illi r-reat sehh meta kien ghaddej minn perijodu negattiv f’hajtu u per konsegwenza beda jabbuza mid-droga. Illum hareg minn dan il-vizzju, ghandu relazzjonjiet tajba mal-familja u beda jahdem. Ghalhekk huwa kontro-produttiv li jigi inkarcerat ghal zmien daqshekk twil fejn ikun espost ghal ambjent li jista’ jaghmillu aktar hsara milli gid.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Imbaghad kif intqal fl-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmen Butler et** deciz fis-26 ta' Frar 2009:

**"il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, 'sentencing is an art rather than a science' u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor."**

Il-piena applikabbli fil-kaz in ezami ghall-ewwel imputazzjoni kif assorbita fit-tieni wahda hi ta' prigunerija minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87). Il-piena ta' prigunerija mnaqqsa b'zewg gradi skond l-artikolu 120(2B) tal-Kap. 31 li jikkorrispondi ghall-artikolu 29 tal-Kap. 101 tinzel ghal prigunerija minn xahar sa sitt snin. Pero` jrid jittiehed kont ukoll, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) u/jew 17(f) tal-Kap. 9, tal-piena ghat-tielet imputazzjoni, u cioe` prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tliet xhur izda mhux izjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) jew dik il-prigunerija u multa flimkien. Dan ifisser illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi.

L-appellant jghid li jidher li l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 120B tal-Kap. 31. Jaghmel ukoll referenza ghall-kaz **Il-Pulizija v. James Muscat** deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Frar 2005 f'dar-rigward. B'dan l-appellant donnu qieghed jippretendi illi biex jintwera li Qorti tkun applikat t-tnaqqis imsemmi, ghandha tinzel taht il-piena minima stabbilita mil-ligi. Din il-Qorti ezaminat s-sentenza msemmija u jidher li l-fattispecje ta' dak il-kaz mhumiex l-istess bhal tal-kaz odjern. Difatti f'dak il-kaz James Muscat gie akkuzat u nstab hati ta' pussess aggravat ta' ecstasy. Kien jirrigwarda okkazjoni wahda fejn l-imsemmi Muscat inqabad b'borza pilloli li kien ikkunsma tnejn minnhom u li fl-istqarrija tieghu kien qal li qatt ma biegh droga. Fil-kaz odjern l-appellant ammetta fl-istqarrija tieghu li kien ibiegh pilloli ecstasy u li numru minn dawk li kellu fuqu meta gie arrestat kienu intenzjonati ghall-bejgh. Barra minn hekk f'dan il-kaz l-appellant ammetta wkoll l-imputazzjoni li kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis. Il-ligi wkoll ma tghidx dak li jidher li qieghed jahseb l-appellant. Difatti, kif intqal, il-parametri huma wiesa' wara li jsir tnaqqis ta' zewg gradi – minn xahar sa sitt snin – u ghalhekk meta l-ewwel Qorti ddecidiet fuq piena ta' disa' xhur prigunerija kienet qed tiffissa piena aktar vicin il-minimu milli l-massimu.

Kwantu ghall-ammissjoni li rregistra l-appellant, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-

cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Barra minn hekk ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

U hawn certament wiehed ma jistax jitkellem dwar ammissjoni bikrija. Difatti l-appellant stenna sakemm il-prosekuzzjoni tiddikjara li kienet ghalqet il-provi taghha qabel ma ddecieda li jammetti. Ghalhekk l-appellant ma jistax jippretendi xi beneficcju addizzjonali ghall-ammissjoni li ghamel fi stadju tant inoltrat tal-kawza.

Dak li l-ewwel Qorti ma kellhiex ghad-disposizzjoni taghha pero` kien il-*pre-sentencing investigation report* li din il-Qorti nnominat lill-ufficjal anzjan tal-probation Mariella Camilleri biex thejji. Wara li din il-Qorti ezaminat l-imsemmi rapport, hi tal-fehma li ghalkemm meta l-appellant wettaq ir-reati in kwistjoni kellu bejn 19 u 20 sena, u ghalhekk kbir bizzejjed biex ikun jaf x'qieghed jaghmel, mhuwiex inverosimili li ma rreajalizzax il-konsegwenzi kollha. Sfortunatament l-appellant ghadda minn diversi trawmi fi tfulitu, fosthom is-separazzjoni tal-genituri tieghu meta kellu biss hames snin. Pero` huwa pozittiv il-fatt li jiddispjacih ta' dak li ghamel. Huwa pozittiv illi jirrejalizza li jrid ipatti ta' l-ghemil tieghu. Huwa pozittiv ukoll illi meta mitlub jaghmel test ta' l-urina mill-ufficjal tal-probation dan it-test irrizulta negattiv ghall-cannabis, eroina u kokaina. L-ufficjal tal-probation innotat progress u stabbilita` fil-hajja ta' l-appellant – effettivament il-fedina penali tieghu kienet u ghadha netta – u kien proprju ghalhekk li rrakkomandat tnaqqis fil-piena karcerarja. Fil-fatt huwa ghandu hegga sabiex jerga' jidhol fil-hajja normali b'impjieg tajjeb. Dan huwa kaz fejn jidher li piena ta' prigunerija se jkollha biss effett retributtiv u ghalhekk taqbel illi ghandha tinghata konsiderazzjoni ghall-fatt li kien hemm kambjament <u>genwin</u> fil-hajja ta' l-appellant kif attestata mill-ufficjal tal-probation u li jissarraf f'temperament marginali fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta’ disa’ xhur u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ seba’ xhur filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------